

22001D0118(11)

L 15/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.1.2001

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 136/1999****tal-5 ta' Novembru 1999****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza ġħaliha bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/1999 tal-25 ta' Ġunju 1999 ⁽¹⁾.
- (2) D-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/597/KE tal-15 ta' Ottubru 1998 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE, li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li mingħandhom Stati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta' ċerti prodotti soġġetti għad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE ⁽²⁾, għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.
- (3) D-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/603/KE tad-19 ta' Ottubru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 95/408/KE dwar il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment, għal perjodu interim, listi proviżorji ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi li mingħandhom Stati Membri huma awtorizzati illi jimportaw ċerti prodotti li jorġinaw mill-animali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin għet inkorporata fil-punt 18 fil-Parti 8.1 u fil-punt 114 fil-Parti 8.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim bħala d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/408/KE, u billi t-titulu ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi ikkoreġut.
- (4) D-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment, għal perjodu interim, ta' listi ta' stabbilitment f'pajjiżi terzi li mingħandhom Stati Membri huma awtorizzati illi jimportaw ċerti prodotti li jorġinaw mill-animali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin għet inkorporata fil-punt 18 fil-Parti 8.1 u fil-punt 114 fil-Parti 8.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim bħala d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/408/KE, u billi t-titulu ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi ikkoreġut.
- (5) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 82 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE) fil-Parti 8.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"– 398 D 0597: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/597/KE tal-15 ta' Ottubru 1998 (ĠU L 286, tat-23.10.1998, p. 59)."

⁽¹⁾ ĠU L 296, tat-23.11.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 286, tat-23.10.1998, p. 59.

⁽³⁾ ĠU L 289, tat-28.10.1998, p. 36.

Artikolu 2

It-test li ġej għandu jieħu post it-test tal-punt 18 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/408/KE) fil-Parti 8.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim u l-punt 114 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/408/KE) fil-Parti 8.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

“395 D 0408: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet għall-istabbiliment għal perjodu interim, ta' listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi mingħand min l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw ċerti prodotti li joriġinaw mill-animali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalva ħajjin (ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17), kif emenda bi:

- **397 D 0034:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/34/KE tas-17 ta' Diċembru 1998 (ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 33).
- **398 D 0603:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/603/KE tad-19 ta' Ottubru 1998 (ĠU L 289, tat-28.10.1998, p. 36)."

Artikolu 3

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/597/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/603/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kunitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Novembru 1999.

Għall-Kunitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

N. v. LIECHTENSTEIN